

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 612/2012

tad-9 ta' Lulju 2012

li jemenda l-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kulur tal-mudell tal-liċenzja Komunitarja huwa ddefinit bħala "Kulur Pantone light blue (ċelesti)" fil-bidu tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1072/2009.
- (2) Il-kulur tal-Mudell tal-attestazzjoni tax-xufier huwa ddefinit bħala "Kulur Pantone pink (roża)" fil-bidu tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1072/2009.
- (3) Jeħtieġ li jiġu speċifikati l-kuluri b'mod aktar preċiż sabiex tiġi inkoraġġita l-omoġeneità u l-interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 huwa emendat kif ġej:

- 1) Fl-Anness II, fir-raba' linja, is-sentenza "Kulur Pantone ċelesti, karta sintetika format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar" tinbidel b'dan li ġej:

"Kulur Pantone light blue (ċelesti) 290, jew kemm jista' jkun viċin dan il-kulur, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar";

- 2) Fl-Anness III, fil-ħames linja, is-sentenza "Kulur Pantone roża, format DIN A4; karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar" tinbidel b'dan li ġej:

"Kulur Pantone pink (roża) 182, jew kemm jista' jkun viċin dan il-kulur, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar";

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.